MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 146/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-9 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fil-21 ta’ Frar tas-sena 2003, fl-edifizju tar-Registru taz-Zwiegijiet fil-Belt Valletta;

Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku

bhala Att taz-Zwieg Numru 165 tas-sena 2003 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness (‘Dok A’).

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom;

Illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg kontratt bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Frar 2003 null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taz-Zwieg Numru 165 tas-sena 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ghalkemm notifikata naqset li tippresenta eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attur u l-genituri tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Frar, 2003 a bazi tal-kawzali msemmja fl-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta hija kontumacji kif gia’ inghad u naqset li tidher u tressaq provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan apparti l-fatt li skond il-ligi taghna, il-kontumacja m’hijiex ammissjoni anzi kontestazzjoni u dan tenut kont ta’ dak li gia’ inghad, ghandu japplika *multo magis* f’kawza ta’ annullament ta’ zwieg.

Ir-ragunijiet citati mill-attur jirrigwardjaw, kif intqal diga’, dawn is-sub-artikoli tal-Att in kwistjoni u cioe’;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb b’ eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jirrizulta illi huwa kkuntratta z-zwieg meta kien taht influwenza tal-vizzju ta’ droga illi issa qed jipprova johrog minnu. Ma hemmx kwistjoni ghalhekk illi ma kienx fi stat li jidhol ghaz-zwieg. Jekk kien hemm xi dubbju f’mohh il-Qorti tnehha ghal kollox bid-deposizzjoni tal-genituri tieghu, nies twajba li gew palesament distrutti moralment bil-kalvarju ta’ binhom.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba tal-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-21 ta’ Frar, 2003 u tawtorizzah jitlob lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota dan. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------